MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2005

Numru 36/2000

**Il-Pulizija**

**Supretendent Martin Bayliss**

**v**

**JOSEPH AQUILINA**

**JOHN FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **JOSEPH AQUILINA** ta' tletin sena bin Paul u Helen nee Grech, imwieled tal-Pieta nhar il-hamsa ta' Lulju, 1975 u joqghod Blokk F, Flat numru 13, Housing Estate, Triq il-Klin, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita` numru 320075M u **JOHN FARRUGIA** ta' tmienja u ghoxrin sena bin George u Carmen nee Buttigieg, imwieled tal-Pieta` nhar it-tmienja ta' Novembru, 1976 u

joqghod Blokk D, Flat numru 1, Triq il-Fuklar, B'Bugia, detentur tal-karta tal-identita` numru 563776 M gew imressqa quddiemha akkuzati;

1. Talli **Joseph Aquilina u John Farrugia**, nhar is-Sibt, u cioe` t-13 ta' Novembru, 1999, xi hin bejn it-tmienja ta' filghodu w d-disgha ta' filghodu, gewwa Omega Court, Flat numru 12, Triq Ananija, Qawra, proprjeta` ta' Mario Coleiro, ikkommetew serq ta' ammont ta' flus u diversi affarijiet ohra u liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-lok;

2. Talli **Joseph Aquilina u John Farrugia** hekk kif indikat fl-ewwel akkuza, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu sabiex ibieghhom jew imexxuhom;

3. Talli **Joseph Aquilina u John Farrugia** fl-istess data, hin, lok u cirkostanza, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti u barra mil-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Mario Coleiro, anzjan ta' erbgha w sittin sena, b'arma tan-nar, kontra l-volonta` tieghu;

4. Talli **Joseph Aquilina wahdu**, f'xi gurnata matul ix-xahar ta' Novembru, 1999, jew qabel, iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, u cioe` karta ta' l-identita` f'isem Mark Lawrence Rizzo, illi meta tigi ipprezentata wiehed jista' jircievi biha hlas, jew jiehu kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor jew imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u xjentement b'diversi atti maghmulin minnu stess anki jekk fiz-zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bejn t-tlettax ta' Novembru, 1999 u it-tmienja w ghoxrin ta' Novembru, 1999, ghamel uzu minnha;

5. Talli **Joseph Aquilina u John Farrugia** matul ix-xahar ta' Novembru, 1999, b'diversi atti maghmulin

minnhom stess ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helisen falz minn obbligi, jew billi dahlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew naqsu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, billi iffalsifikaw il-firem ta' Mark Lawrence Rizzo u Mario Coleiro fuq diversi cekkijiet kemm tal-Mid Med Bank kif ukoll tal-Bank of Valletta, misruqa;

6. Talli **Joseph Aquilina u John Farrugia** matul ix-xahar ta' Novembru, 1999, b'diversi atti maghmulin minnhom stess ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizouluzzjoni wahda, xjentement ghamlu uzu minn att, kitba jew skrittura falza, hekk fi gia msemmi fl-akkuza numru hamsa [5];

7. Talli **Joseph Aquilina u John Farrugia** matul ix-xhar ta' Novembru, 1999, b'diversi atti maghmulin minnhom stess ukoll jekk fiz-zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentement ghamlu uzu minn wiehed mid-dokumenti gia msemmija fl-akkuza numru hamsa;

8. Talli **Joseph Aquilina u John Farrugia** matul ix-xahar ta' Novembru, 1999, b'diversi atti maghmulin minnhom stess ukoll jekk fiz-zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghamlu falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' taghmel hsara lill xi persuni jew iggib utlii;

9. Talli **Joseph Aquilina u John Farrugia** matul ix-xahar ta' Novembru, 1999, b'diversi atti maghmulin minnhom stess ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula

b'rizoluzzjoni wahda, xjentement ghamlu falsifikazzjoni u ghamlu uzu minn diversi dokumenti u cioe` cekkijiet iffalsifikati;

10. Talli **Joseph Aquilina u John Farrugia** matul ix-xahar ta' Novembru, 1999 b'diversi atti maghmulin minnhom stess ukoll jekk fiz-zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' aktar minn elf lira Maltin (LM1000), izda anqas minn hamest'elef lira Maltin (LM5000), ghad-dannu tal-Bank of Valletta, Mid Med Bank, Mark Coleiro, Forestalls Ltd. Tal-Gzira, E.C.B. Limited ta' tal-Pieta`, New Japanese ta' Hal Qormi, Arcidiacono ta' l-Msida, Hudson ta' Santa Venera, A & D Borg ta' l-Msida, Tekno tal-Mosta, Audio Vision tal-Hamrun, Audio Panasonic tar-Rahal il-Gdid u Cutajar Limited ta' tas-Sliema;

11. Talli **Joseph Aquilina u John Farrugia**, matul ix-xahar ta' Novembru, 1999, b'diversi atti maghmulin minnhom stess ukoll jekk fiz-zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bi hsara ta' haddiehor, u cioe` tas-Socjetajiet u persuni msemmija fl-akkuza numru 9, ghamlu xi qligh iehor b'qerq;

12. Talli **Joseph Aquilina u John Farrugia** matul ix-xahar ta' Novembru, 1999 b'qerq holqu jew gieghlu jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu l-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' kontra s-sewwa tigi akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

13. Talli **Joseph Aquilina u John Farrugia** nhar is-Sibt u cioe` t-tlettax ta' Novembru, 1999, xi hin bejn it-tmienja ta' filghodu w d-disgha ta' filghodu gewwa l-

Qawra, u kif ukoll qabel f'diversi postijiet f'Malta, minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, zammu, f'xi fond, arma tan-nar jew munizzjon, jew kellhom f'idejhom jew fuqhom arma tan-nar jew munizzjon izda mhux f'fond jew f'post li jaghmel mieghu;

14. Talli **Joseph Aquilina u John Farrugia**, hekk kif inhu ndikat fl-akkuza precedenti u cioe` n-numru tnax [12], giet fil-pusses taghhom arma tan-nar jew munizzjon, xort'ohra milli b'licenzja, u naqsu li minnufih jaghtu avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija;

15. Talli **Joseph Aquilina u John Farrugia** hekk kif hemm indikati fl-akkuzi numri wiehed [1], tnejn [2], tlieta [3], erbgha [4], hamsa [5], sitta [6], sebgha [7], tmienja [8], disgha [9], ghaxra [10], hdax [11], tnax [12], tlettax [13] w erbatax [14], talli kienu komplici fid-delitti ta' serq aggravat b'arma tan-nar, recettazzjoni, sekwestru ta' persuna kontra l-volonta` tieghu, falsifikazzjoni f'dokumenti u uzu kontinwat taghhom, frodi, u pussess ta' arma tan-nar;

16. Talli **Joseph Aquilina wahdu**, f'xi gurnata matul ix-xahar ta' Novembru, 1999, meta mhux ufficjal awtorizzat, ghamel xi marka jew dhul fuq, jew hassar, ikkancella, biddel jew issostitwixxi xi marka jew dhul fuq il-karta ta' l-identita` ta' Mark Lawrence Rizzo li ggib in-numru 216383M, billi biddel ir-ritratt ta' l-imsemmi Mark Lawrence Rizzo ma tieghu, u aktar tard matul l-istess xahar, hassarha jew iddistruggija;

17. Talli **Joseph Aquilina wahdu** b'diversi atti maghmulin minnu stess anki jekk fiz-zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, talli, matul ix-xahar ta' Novembru, 1999, kellu fil-pussess tieghu karta ta' l-identita` iffalsifikata f'isem Mark Lawrence Rizzo mill-Belt, Valletta u ghamel uzu minnha jkun li jkun;

18. Talli **Joseph Aquilina wahdu**, f'xi gurnata fix-xahar ta' Novembru, 1999 gie fil-pussess ta' karta ta' l-identita` illi ggib in-numru 216383M, f'isem Mark

Lawrence Rizzo, u naqas li minnufih jikkonsenjaha jew jibghatha lid-detentur taghha jew lill-ufficjal awtorizzat;

19. Talli **Joseph Aquilina wahdu**, f’xi gurnata fix-xahar ta’ Novembru, 1999, xtara jew b’xi mod iehor ircieva minghand xi persuna ohra jew instab li ghandu fil-pussess tieghu xi oggetti li jkollu xi marka jew sinjal li juri li dan l-oggett huwa proprjeta` tar-Repubblika ta’ Malta, jew oggett illi l-pussessur tieghu jkun jaf li huwa proprjeta` tar-Repubblika ta’ Malta, li l-awtorita` kompetenti ma tkunx tat permess bil-miktub sabiex wiehed jista’ jiddisponi minnhom, u jonqos li jaghti kont soddisfacenti ta’ kif l-oggett jew il-haga, u cioe` l-karta tal-identita` ta’ Mark Lawrence Rizzo, giet ghandu;

20. Talli **Joseph Aquilina wahdu** f’xi gurnata fix-xahar ta’ Novembru, 1999 bl-hsieb li jahbi proprjeta` tar-Repubblika ta’ Malta, iddistrugga jew hassar karta ta’ l-identita` li iggib in-numru 216383M, f’isem Mark Lawrence Rizzo, li ghalihom ma jkunx gie moghti permess sabiex wiehed jista’ jiddisponi minnhom, u liema oggett huwa proprjeta` tar-Repubblika ta’ Malta;

21. Talli **Joseph Aquilina wahdu**, f’dawn il-Gzejjer u cioe` nhar il-Hadd, tmienja w ghoxrin ta’ Novembru, 1999, xi l-hdax ta' filghaxija fil-Liquid Club li jinsab fi Triq il-Balal, San Gwann, kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika “Ecstasy” meta ma kienx awtorizzat kif imiss.
Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex titratta ma l-imputat Joseph Aquilina talli huwa recidiv b’sentenza definittiva tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), awla numru 7, fejn fis-sittax ta’ Dicembru, 1993, kien insab hati fuq serq u kkundannat sena prigunerija, u aktar talli fis-sittax ta’ Mejju, 1996, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), awla numru 10 kien insab hati dwar hsara volontarja u ikkundannat ghoxin (20) jum prigunerija, u aktar talli, fil-erbgha w ghoxrin ta’ Lulju, 1995 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), awla numru 8, kien immultat tlett mitt lira maltin wara li nstab hati fuq serq, u kif ukoll talli fis-sebgha w ghoxrin ta’ Frar, 1996, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), awla numru 1 kien ikkundannat hames (5) xhur prigunerija wara li nstab hati fuq serq, u kif

ukoll talli, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-hamsa ta' Marzu, 1993 kien ikkundannat sentejn (2) prigunerija sospizi ghall-erba' (4) snin wara li kien instab hati fuq serq.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex titratta ma John Farrugia, talli huwa recidiv b'sentenza definittiva tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fejn fis-sitta w ghoxrin ta' April, 1995 kien instab hati fuq serq, u ikkundannat tlett mitt lira maltin u kif ukoll illiberat milli jaghmel reat iehor fiz-zmien sentejn u nofs skond l-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sbatax ta' Dicembru 2003, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kawza taghhom tigi deciza bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-tnax ta' Awissu 2004.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fis-seduta tas-sittax ta' Mejju 2005 [fol 599] u cioe hames snin u nofs wara li gew imressqa l-Qorti.

Il-Qorti wisset lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom ftit taz-zmien biex jekk riedu setghaw jergaw lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tas-sittax ta' Mejju 2005.
Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputati, hija sodisfatta li l-imputati ghandhom jinstabu hatja tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom wara li semghet il-Prosekuzzjoni u l-avukat difensur jitrattaw fuq il-fatti.

Illi fis-seduta tas-sittax ta' Mejju 2005, id-Difiza talbet in-nomina ta' Probation Officers sabiex ihejju pre sentencing report fuq iz-zewg imputati u f'dik l-istess seduta l-Qorti nnominat lil Ufficjal tal-Probation Trevor Calafato sabiex ihejji rapport fuq l-imputat John Farrugia u lil Ufficjal tal-

Probation John Testa sabiex ihejji rapport fuq l-imputat Joseph Aquilina.

Il-Qorti semghet lill-avukati difensuri fis-seduta tal-14 ta' Settembru, 2005 jghidu li din il-Qorti m'ghandhiex timponi piena karcerarja fil-konfront ta' l-imputat ghaliex illum il-gurnata dawn ghamlu progress fir-riabilitazzjoni taghhom u piena karcerarja tista' tkun ta' detriment aktar. In oltre semghet lill-avukat difensur ta' Aquilina jghid li din il-Qorti m'ghandhiex issib lill-imputat Aquilina hati ta' l-akkuzi kollha peress illi mhux kollha jirrizultaw ghalkemm fis-16 ta' Mejju, 1999 (fol. 599) kien hu stess li irregistra ammissjoni ghall-imputat Aquilina ghal-akkuzi kollha.

Il-Qorti hadet kont ukoll tan-nota prezentata mill-avukat difensur ta' l-imputat Farrugia datata 15 ta' Settembru, 2005 fejn informa l-Qorti illi llum il-gurnata huwa ghandu impjieg fiss.

Illi **nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Lulju, 2005, iz-zewg *Probation Officers*** dehru l-Qorti w ipprezentaw ir-relazzjoni taghhom li gew immarkati bhala dokumenti C u JT.

Illi l-Qorti, din n-nomina ghamlitha bil-ghan li jkollha l-konsiderazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation dwar il-piena li ghandha tapplika f'dan il-kaz in vista tal-ammissjoni tal-istess zewg imputati.

Minn ezami tar-rapport tal-Ufficjal tal-Probation John Testa, dokument JT, jirrizulta li Joseph Aquilina kien persuna ta' natura problematika minn meta kien ghadu zghir fl-eta, tant li l-imgieba tieghu kienet wahda bla kontroll tant li ma kienx jahseb fuq l-konsegwenzi tal-agir tieghu. L-Ufficjal tal-Probation jiddeskrivi t-trobbija tal-imputat Joseph Aquilina, bhala wahda tajba fejn huwa kellu hafna ghajnuna mill-genituri tieghu. Huwa pero kien juza forza fizika biex jipprova jikkontrolla l-familja tieghu meta missieru kienu ikun barra minn Malta, kien jaghmilha ma persuni ta' natura problematika bir-rizultat li l-problemi tieghu komplew jaggravaw.

Illum il-gurnata l-imputat Joseph Aquilina ghandu relazzjoni ma certa Alexis Schembri u minn din r-relazzjoni ghandu wild. Fil-present huwa jinsab inkarcerat fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin fejn mistenni jtemm s-sentenzi ta' prigunerija fis-sbatax ta' Settembru 2006 ghalkemm nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2005, huwa nghata sentenza ohra ta' prigunerija ta' sentejn u nofs mill-Qorti tal-Magistrati, ghalkemm din s-sentenza tinsab fi stadju ta' Appell.

Dwar l-andament tal-imputat Joseph Aquilina fl-istess Facilita Korrettiva ta' Kordin, l-Ufficjal tal-Probation jghid li din wkoll kienet wahda problematika.

L-Ufficjal tal-Probation, fid-dawl tal-informazzjoni migbura fir-rapport tieghu, ssugerixxa li din il-Qorti tikkonsidra diversi fatturi fosthom l-fedina penali tal-imputat, r-records estensivi ta' inkarcerazzjoni mahruga mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin li kiser, kif wkoll l-gravita tal-akkuzi nfushom, ghalkemm hass li kellu jinforma lil Qorti wkoll dwar dak li sostnew l-membri tal-familja tieghu u cioe li qed juri kambjament posittiv u li kkopera bis-shih mieghu matul l-kumpilazzjoni ta' dan r-rapport.

Fil-fehma ta' dan l-Ufficjal tal-Probation, Joseph Aqulina ghadu jinhtieg kura intensiva ghal problema li huwa ghandu dwar l-abbuz ta' droga u dan gewwa programm residenzjali. Ghandu bzonn ghajnuna wkoll sabiex jimmotiva ruhu ghal programm ta' rihabilitazzjoni necessarja. Il-Psikologi Dottor John Agius u Dottor Joanne Camilleri wkoll ndikaw li l-problema ta' rabja w aggressivita jistghu jigu ndirizzati b'mod adegwat f'programm fit-tul.

Ghalhekk, in vista tas-suespost, l-istess Ufficjal tal-Probation issuggerixxa li din il-Qorti taghti sentenza ta' prigunerija b'rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin, li matul l-inkarcerazzjoni ta' Joseph Aquilina, huwa jinghata ghajnuna sabiex jigi motivat w iggwidat ghal programm ta' rihabilitazzjoni qabel huwa jinghata l-opportunita li jaghmel programm fl-ahhar fazi tal-prigunerja.

Il-Qorti ezaminat wkoll l-fedina penali tal-imputat Joseph Aquilina minn fejn jirrizulta li ghandu tletin sena u l-ewwel darba li tressaq l-Qorti kien meta kellu hmistax il-sena u dan fis-sena 1990, meta kien gie akkuzat li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq terzi u tmien xhur wara fl-istess sena, talli fost affarijiet ohra, hebb jew irresista bi vjolenza lil Ufficjal Pubbliku. Minn dik s-sena 'l quddiem, u cioe ghal hmistax il-sena li segwew, l-imputat Joseph Aquilina, kiser dufrejh mal-ligi diversi drabi w infatti jirrizulta li ghandu xejn inqas minn disgha w erbghin conviction u dan fuq akkuzi dwar serq aggravat, kagunar ta' griehi ta'natura gravi, li attakka w irresizta Ufficjali Pubblici, pussess ta' strument bil-ponta u li jaqta, diversi akkuzi kontra l-Ordinanza tat-Traffiku u ohrajn.
Il-Qorti nnutat wkoll li hadd mill-vittmi ta' dan il-kaz ma gie kkumpensat mill-imputat ghal ghemil illegali tieghu.

In vista ta' dan kollu il-Qorti taqbel ma dak li gie suggerit mill-Ufficjal tal-Probation u cioe li ghandha tapplika piena karcerarja.

Il-Qorti ma tistax taghti l-impressjoni lis-socjeta li qed tipprotegi bniedem li jikkommetti reati u li qed isegwi hajja criminuza u jibqa ghaddej qisu xejn m'hu xejn. Il-Qorti kienet diga hanina wisq mieghu fil-passat meta taghtu cansijiet sabiex jirriforma ruhu meta effettivament tah lil imputat Joseph Aquilina, Ordnijiet ta' Probation, izda dan nonostante, m'gharafx jisufrutta ruhu minnhom, tant li jinsab akkuzat quddiemha b'xejn inqas minn wiehed w ghoxrin akkuza.

Il-Qorti ezaminat wkoll r-rapport ippresentata mill-Ufficjal tal-Probation Trevor Calafato dokument TC fil-konfront tal-ko-akkuzat John Farrugia.

Minn ezami tal-istess jirrizulta li John Farrugia kien jaf li l-ko-akkuzat Joseph Aquilina ghaliex kien joqghod hdejn r-residenza ta' ommu f'Haz Zabbar. Skond dan r-rapport, l-imputat John Farrugia jghid li l-imputat Joseph Aquilina, kien jisfurzah u jheddu sabiex jiehu sehem f'serq li kellu ppjanati tant li kien jghamillu pistola ma rasu u jghidlu li

jekk ma jidholx, jispara lejh. Jghid ukoll li ma kienx jaf li Joseph Aquilina kien qed jixtri diversi oggetti b'cekkijiet misruqa.

Il-Qorti tinnota li l-imputat John Farrugia ma xehdx f'dawn il-proceduri w ghalhekk dawn l-allegazzjonijiet ma gewx konfermati minnu bil-gurament w ghalhekk il-Qorti mhux ser taghti wisq piz ta' tali allegazzjonijiet.

L-imputat John Farrugia pero, kuntrarjament ghal l-imputat Joseph Aquilina, kellu trobbija tajba fis-sens li ommu dejjem kienet tipprova timmaturah ghalkemm l-iskola qatt ma habbha. Jidher li dejjem insistiet biex isib xoghol meta spicca mill-iskola w ommu qatt ma kellha nkwiet minhabba binha w iddeskrivietu bhala tifel kwiet.

Dan nonostante, l-Ufficjal tal-Probation issuggerixxa minhabba l-gravita tal-kaz li fih huwa nvolut l- l-imputat John Farrugia, l-fatt li huwa recidiv, w aktar l-impatt tar-reati li huwa wettaq fuq il-vittmi, li l-imputat John Farrugia ghandu jinghata sentenza karcerarja bbazata fuq l-minimu.

Il-Qorti ezaminat wkoll l-process kollu u jirrizulta li f'hafna mir-reati li dan l-imputat gie akkuzat bihom, Joseph Aquilina kien l-awtur principali ghal dak li sehh.

Illi l-fedina penali tal-imputat John Farrugia, li llum ghandu disgha w ghoxrin sena, ghandu erbgha convictions registrati fuqha meta kien nstab hati fost affarijiet ohra, fuq serq aggravat, talli naqas li jobdi l-ordni moghtija lilu mill-Pulizija u xi akkuzi naxxenti mill-Ordinanza tat-Traffiku.

Jirrizulta, kuntrarjament ghal dak li jirrizulta fil-konfront tal-k--akkuzat Joseph Aquilina, li l-imputat John Farrugia qatt ma ghamel zmien l-Facilita Korrettiva ta' Kordin jiskonta xi sentenza ghaliex kien inghata probation f'zewg okkazzjonijiet u zewg multi f'okkazzjoni ohra. Dan nonostante, l-imputat John Farrugia xorta ghandu jitqies bhal recidiv pero fuq akkuza ta' portata zghira.

Il-Qorti hija konxja tal-fatt li idejalment, ko-akkuzati ghandhom idejalment jinghataw l-istess piena pero naturalment jekk ic-cirkostanzi huma l-istess.

Issa, **f'dan il-kaz, jirrizulta bic-car li c-cirkostanzi ma humiex l-istess,** filwaqt li Joseph Aquilina ghamel zmien konsiderevoli l-habs, u gie misjub hati xejn inqas minn disgha w erbghin darba, l-imputat John Farrugia qatt ma ghamel zmien il-habs w instab hati ta’ reat kriminali biss f'erbgha okkazzjonijiet. Jirrizulta wkoll li l-imputat Joseph Aquilina kien l-awtur ta' dan r-reat filwaqt li l-imputat John Farrugia kien biss l-komplici.

Huwa veru li l-ligi tipprospetta l-istess piena pero l-Qorti ma tistax ma tqisx l-mens criminis ezistenti fiz-zewg akkuzati fil-mument tal-kommissjoni tar-reati odjerni. Dan qed jinghad in linea mas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali deciza nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru 2004**, fl-ismijiet **Il-Pulizija v Aarone Cassar omissis**, meta qalet li "*l-ewwel Qorti ghandha tiddifferenzja bejn l-htija ta' wiehed u tal-iehor u l-fattur li normalment jitqies fl-applikazzjoni tal-piena.*"

Il-Qorti hija konxja ta' dak kollu li jghidu l-awturi **Inglizi** fosthom **Blackstone w Archbold** dwar kif ghandhom jigu trattati ko-akkuzati fl-istess kawza u cioe li idejalment ghandhom jinghataw l-istess piena pero minhabba r-ragunijiet fuq esposti, l-Qorti thoss li l-piena applikabbli ghandha tirrifletti kemm il-gravita tal-akkuzi kif wkoll l-passat kriminali tal-istess ko-akkuzat.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 261(a)(b)(e), 262, 263, 264, 265, 266, 269, 276, 277, 278, 330, 279(b), 281, 334, 86, 87(c), 88, 167, 169, 183, 184, 186, 187, 189, 308, 309, 310, 110(1), 17(b), 20, 22, 23, 533 tal-Kap 9, l-artikoli 3(1), 9(1), 26, 27 u 19 tal-Kap 66, l-artikoli 290, 291, 289, 49, 50, 31 u 30 tal-Kap 9 u l-artikoli 11, 12(1) 14 u 12(2) tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputati JOSEPH AQUILINA u JOSEPH FARRUGIA hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom u tiddecidi billi tikkundana lil imputat JOHN FARRUGIA ghal piena**

**karcerarja ta' sentejn u nofs u lil imputat JOSEPH AQULINA ghal piena karcerarja ta' erbgha snin u nofs.**

**Il-Qorti tordna wkoll l-konfiska tal-vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru ta' registrazzjoni GAG 047 esibita fl-atti formalment mis-Supretendent Martin Bayliss waqt x-xhieda tieghu ta' nhar d-disgha ta' Frar 2000 [fol 18] u dan ghaliex jirrizulta li din il-vettura ghandha titqies bhala l-*corpus delicti* u hija registrata f'isem l-imputat Joseph Aquilina skond x-xhieda moghtija minn Brian Farrugia nhar d-disgha ta' Frar 2000 [fol 203.**

**Il-Qorti, taghti r-rakomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex kemm jista jkun jaghti dik l-ghajnuna necessarja sabiex l-imputat Joseph Aquilina jindirizza l-problema li hu ghandu dwar l-abbuz mid-droga.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi mibghuta lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------